**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 446 / 2021**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Sean Vassallo**

Illum, 8 ta' Frar 2022

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra Sean Vassallo detenur tal-Karta tal-Identita' Maltija bin-numru: 504488 M, residenti App 1-21 ta' Settembru, Block 2, Ent E Flat 5, Triq l-Ghassieli, Kalkara, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli:

Nhar is-26 ta' Frar, 2021, gewwa Hal Qormi hebb ghal Justine Grixti sabiex jingurjaha, idejjaqha jew jaghmlilha hsara b' xi mod.

Il-Qorti giet mitluba wkoll f' kaz ta' htija sabiex tipprovdi ghal persuna ta' Justine Grixti jew sabiex tinzamm il-bon ordni pubbliku flimkien mal-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil Sean Vassallo b' obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' somma ta' flus li tigi ffissata mill-Qorti billi tapplika l-artikoli 383 et seq tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghal zmien li thoss xieraq.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-26 ta' Novembru, 2021, fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 339 (1) (d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati in vista li tressqu provi bizzejjed li l-imputazzjoni tirrizulta. Wissiet lil hati. Applikat l-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ordnat lil hati jzomm il-kwiet ma' Justine Grixti ghal zmien sena taht penali ta' EUR 1,000.

Rat ir-rikors tal-appellanti **Sean Vassallo** minnhu pprezentat fl-14 ta' Dicembru, 2021, fejn talab lil din il-Qorti sabiex joghgobha:

Tirriforma, tvarja u tibdel is-sentenza appellata u dan billi thassar u tirrevoka l-parti tas-sentenza li fiha l- esponenti instab hati tal-imputazzjoniji dedotta kontrih u kkundannatu ghal obbligazzjoni ghal sena li jzomm il-kwiet ma' Justine Grixti, u jekk b' xi mod jonqos minn tali obbligazzjoni jobbliga ruhu li jhallas elf ewro (€1,000) penali u konsegwentement tilliberah minn kull htija u piena.

Rat illi l-appellant, **Sean Vassallo** hass ruhu aggravat minn din is-sentenza.

Rat illi l-aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti.

**AGGRAVJU – APPREZZAMENT ZBALJAT TAL-PROVI PRODOTTI**

**IL-KREDIBILITA' TAL-*PARTE CIVILE* JUSTINE GRIXTI:**

1. Illi il-kwestjoni li l-esponenti appellant ma kellux jinstab hati tal-imputazzjoni dedotta fil-konfront tieghu torbot fuq il-fatt illi l-ewwel Qorti kienet rinfaccjata b' zewg verzjonijiet opposti ghal xulxin fir-rigward tal-allegazjoni tal-*parte civile* li l-imputat qabada minn ghonqa;

2. Illi bhala punt ta' tluq huwa fatt illi dawn il-verzjonijiet ma jridux jintiznu *ad armi pari* u dan ghaliex fil-kamp kriminali l-*onus* huwa kollu fuq il-*parte civile* illi jrid ikun dak lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni, u ghaldaqstant kull incertezza u xaqq fl-istess verzjoni ghandu jiskolpa lill-appellant a basi tal-principju *in dubbio pro reo;*

3. *Fir-rigward ta' dan il-principju ' beyond reasonable doubt' referenza tinghata lil Lord J.Denning fil-kaz ta' Miller v Minister of Pensions 1935 fejn sostna li:*

> *"It need not reach certainty, but it must carry a high degree of probability. Proof beyond doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour which can be dismissed with the sentence ' of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt but nothing short of that will suffice."*

4. *Illi fuq dan l-istess suggett il-Qorti tal-Appell Kriminali (inferjuri) fl-ismijiet* ***Il-Pulizija Vs Jerken Decelis***[1] *iddettat is-segwenti:*

> *19. Meta jigi biex ifisser dan il-grad ta' prova fi procedimenti kriminali, l-Imhallef William Harding kien xi drabi jirreferi ghal dal-kuncett bhala l-principju* ***tas-sikurezza****. Hekk per ezempju fl-appell kriminali fl-ismijiet* ***Il-Pulizija vs Joseph Peralta*** *deciza mill-Qorti Kriminali nhar il-25 t' April 1957 dik il-Qorti kienet qalet li f' dak il-kaz, in bazi ghall-provi migjuba quddiemha hija setghet tasal* ***b' sikurezza*** *ghall-konkluzjoni fir-rigward tal-istat tal-imputat, liema stat fattwali kellu jigi pruvat in bazi ghal sufficjenza probatorja lil*

[1] Deciza mill-Imhallef Dottor Aaron Bugeja fit-30 ta' Settembru 2021

*hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. B' hekk dik il-Qorti gja fl-1957 kienet irrikonoxxiet l-ekwivalenza bejn l-istat mentali ta' sikurezza mas-sufficjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, kif ukoll illum rifless fil-ġurisprudenza l-aktar reċenti fl-Ingilterra u Wales.*

*20. U huwa biss meta jkun hemm **id-dubju veru, bażat fuq ir- raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, cjoe d-dubju li jibqa' jippersisti wara li jsir stharriġ dettaljat u b' attenzjoni, b' diliġenza u b' mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża** li mbaghad, jekk jibqa' jippersisti dan id-dubju, jkun jista' jinghad li dak il-livell ta' sikurezza, ossija sufficjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni ma jkunx intlahaq; u li allura bhala konsegwenza, il-Qorti ma tkunx tista' tiddikkjara lill-hati tal-akkużi miġjuba kontrih.*

5. Illi jekk dak allegat mil-*parte civile* huwiex verosimili *o meno* irid jittiehed u jigi imwiezen primarjament mil-kuntest ta' tempestivita' u motivazzjoni ta' l-allegazzjoni taghha ghaldaqstant tajjeb li wiehed jelenka s-segwenti:

- **26 ta' Frar 2021** gara l-allegat kaz li bieh gie akkuzat l-appellant;
- **1 t' April 2021** l-appellant mar jirraporta lil *parte civile* li kienet insultatu u offendietu b' apparat elettroniku;
- **1 t' April 2021** il-*parte civile* wara li baghtet ghaliha il-Pulizija fuq il-kaz tal-messaggi offensivi u wara li ammettiet li ghamlitom ghax kienet affaccjata b' evidenza tal-messaggi, semmiet il-kaz tas-26 ta' Frar u allegat li l-appellant f' din l-okkazjoni qabada min-ghonqa.

6. Illi fuq il-kuntest ta' tempestivita' u kif ukoll motivazzjoni, fit-testimonjanza taghha stess, il-*parte civile* tispjega u tikkonferma illi ghamlet l-imsemmija

allegazzjoni minhabba li kien hemm ir-rapport tal-appellant fuqha li wara kollox ma kienetx allegazzjoni imsejsa fuq il-kelma tieghu biss immaipprezenta evidenza tal-istess messaggi illi ma humiex mertu tal-kawza odjerna;

7. Illi il-*parte civile* ipprezentat konverzazzjoni bejn l-appellant u mara ohra li kienet il-pern tal-argument li nqala bejn il-koppja, liema prova l-appellant qatt ma kkontestahha, anzi ikkonferma illi kien hemm l-argument, pero' cahad kategorikament li f' dik l-okkazjoni qabada min ghonqa;

8. Illi meta wiehed janalizza l-argument fuq xiex inqala, wiehed jinduna, u dan fuq l-istess prova prezentata mil-parte civile, illi jekk kien hemm xi hadd li kellu jkun infurjat u irrabjat f' din ic-cirkostanza kienet il-*parte civile* u mhux l-appellant ghaliex hu kien ittanta mara ohra u inqabad u mhux *vice versa*. Ghaldaqstant wiehed jistaqsi, kif jista jkun illi persuna li qieghda tigi rinfaccjata b' allegazzjoni ta' dan it-tip taqleb vjolenti?;

9. Illi di piu' meta wiehed janalizza ir-*risk assessment* abbozzat minn Jean Taliana u Tracy Baldacchino[2] jissotolinjaw x' irraporta l-apppellant maghhom, b' rimarki cari lejn ' anger management problem' [3] tal-*parte civile*, u dan *del resto* qieghed korraborat mil-fatt illi ammettiet hi stess mal-Pulizija illi baghtet messaggi ta' theddid serju lill-appellant u dan kollu jitfa piz kbir fuq dak li verament gara dakinhar tat-12 ta' Frar u cioe' li kollox jindika li il-vjolenza allegata ma sehhitx, imma kien biss rapport mil-*parte civile* sabiex ikun hemm imputazzjoni fil-konfront tal-appellant;

10. Illi fuq il-kredibilita' ta-xhieda il-' **Wellington Law Commission Preliminary Discussion** Paper 27 **Evidence Law Character and Credibility**' tghid is-segwenti:

[2] Esebit KP1
[3] Ibid pagna 2 fuq

*"The assessment of credibility depends on a number of factors, some of which have become legally significant and are reflected in the rules (both statutory and common law) which determine the admissibility of credibility evidence. These factors include: prior convictions, reputation, previous statements, physical or mental disorder, demeanour, bias, corroboration, the weight of contrary or supporting evidence, and the fact-finder' s experience."*

11. Illi di piu' , ikun opportun li nikkwotaw *il-Qorti tal-Appell Kriminali (inferjuri) fl-ismijiet **Il-<u>Pulizija Vs Kenneth Caruana</u>**[4] fejn fuq is-suggett ta' kreddibilita' tal-parti leza iddettat is-segwenti:*

*Illi f' kazijiet ta' dana l-generu, fejn l-ewwel Onorabbli Qorti ghogobha ssejjes il-gudizzju taghha fuq il-verzjoni tal-parti leza, l-esponenti jemmen illi jkun opportun illi ssir referenza ghal dak li ghallmet dina l-Onorabbli Qorti1 permezz tas-sentenza fl-ismijiet* **' Il-Pulizija v. Noel Buhagiar'** *, deciza nhar l- 10 ta' April 2008,*
*"...**U fost il-kriterji tal-kredibbilita' hemm dak tad-deportament tax- xhud fl-isbarra tax-xhieda, u dak tal-konsistenza tax-xhieda mal- materjal l-iehor li jkollha quddiemha l-Qorti**." [Sottolinejar tal- esponenti].*

*Illi wkoll relevanti ai fini tat-test tal-kredibbilta huwa l-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali li jistipula li ghal dak li jirrigwarda xhieda ta' eta' minuri, xhieda tal-imputat kif ukoll ix-**xhieda ta' persuni li huma klassifikati taht l-artikolu 636 tal-Kodici Kriminali, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun mehtiega x-xhieda taghhom, jew fir-rizultat tal-kawza** : -*

[4] Deciza mill-Imhallef Dottor Consuelo Scerri Herrera fl-20 t' Ottubru 2020

> *"id-decizjoni (dwar il-kredibbilta' ta' xhieda) tithalla fid-diskrezzjoni ta' min ghandu jiggudika l-fatti, billi* ***jittiehed qies tal-imgieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi ohra tax-xhieda tieghu, u jekk ix-xhieda hix imsahha minn xiehda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz."*** ***[Sottolinejar tal-esponenti].***

12. Illi dunque' meta wiehed janalizza dak kollu citat *supra* u cioe' is-sekwenza tal-fatti elenkata f' paragrafu 11; it-tempestivita' u motivazzjoni tal-allegazzjoni sottolinjata f' paragrafu 12; ir-raguni ghaliex inqala' l-argument bejn il-koppja kif spjegat f' paragrafu 13 u 14, u ir-*risk assessment* kwotat f' paragrafu 15, huwa car u manifest illi l-ewwel Qorti kellha quddiema allegazzjoni tal-*parte civile inverosimili* u inkonsistenti ghall-ahhar u **ma taghti l-ebda sikurezza lil-prosekuzzjoni sabiex tilhaq il grad tal-prova rikjest;**

13. Illi ghaldaqstant il-verzjoniji tal-*parte civile* kellha tkun il-verzjoni li tigi skartata u kunsidrata bhala wahda dubjuza ghall-ahhar proprju ghaliex kif spjegat *supra* id-dubju huwa dubju veru, bażat fuq ir- raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, ċjoe dubju li jibqa' jippersisti wara li jsir stharriġ dettaljat u b' attenzjoni, b' diliġenza u b' mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kawza u dan fis-seduta tal-25 ta' Jannar 2022.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-aggravju principali tal-appellant jirrigwarda l-apprezzament tal-provi traskritti li ghamlet l-ewwel Qorti. Issa hu principju ormaj stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax

l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzjoni (ara f'dan is-sens "inter alia" l-Appell Kriminali : **Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et.**[5]; **Ir-Repubblika ta' Malta vs. George Azzopardi**[6];**Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace**[7]; **Il-Pulizija vs. Anthony Zammit**[8] u ohrajn.)

Illi appropozitu , din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY fil-kawza **R. v. Cooper**[9] (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-

> *"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to*

---

[5] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-12 ta' Mejju 1994

[6] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar -14 ta' Frar l989

[7] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-31 ta' Mejju 1991

[8] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-31 ta' Mejju 1991

[9] 1969] 1 QB 276)

*whether an injustice may have been done, then , very exceptionally, a conviction will be quashed.*[10]"

Illi fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet: **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt**[11], inghad illi :-

> *"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat u, jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta…. , il-funzjoni , anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament. Biex din il-Qorti, kif del resto gieli ghamlet – tiddisturba lgudizzju … , trid tkun konvinta li l-istess ma setghux, taht ebda cirkostanza ragjonevoli, jaghtu affidament lillversjoni minnhom emmnuta."*

Illi dan ghaliex din il-Qorti bhala Qorti ta' revizjoni ma tkunx semghet hi x-xhieda jixhdu viva voce kif tkun semghethom l-Ewwel Qorti, imma tkun qed toqghod biss fuq id-depozizzjonijiet traskritti u ghalhekk, fejn si tratta ta' valutazzjoni ta' kredibilita' ta' xhieda, l-Ewwel Qorti jkollha vantagg ghax tkun semghat ix-xhieda u rat il-komportament taghhom fuq il-pedana tax-xhieda.

Ghalhekk din il-Qorti ma tissostitwix id-decizjoni tal-Ewwel Qorti fuq apprezzament ta' fatti anki jekk ma taqbilx maghha, jekk l-Ewwel Qorti setghet legalment u ragonevolment tasal ghal dik il-konkluzjoni. Din il-Qorti pero' taghmel ezami

---

10 Ara wkoll BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991), p. 1392
11 Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-1 ta' Dicembru 1994

approfondit biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx fuq il-provi li kellha tasal b'mod "safe and satisfactory" ghall-konkluzjoni ta' htija.

Rat ghalhekk l-affidavit rilaxxjat minn **PS 1500 A Cutajar** nhar il-21 ta' April, 2021 fejn dan spjega li nhar l-1 ta' April 2021 ghall-habta ta' 9.10 l-akkuzat mar jghamel rapport fil-konfront tal-partner tieghu Justine Grixti. Il-partijiet kienu ilhom f'relazzjoni ghal dawn l-ahhar tlett snin u nofs u flimkien ghandhom tarbija ta' sena u nofs.

Wara li gie mitkellem mill-pulizija, dan stqarr li matul dak l-ahhar xahar hu u Justine m'ghadhomx flimkien u nhar il-11 ta' Marzu ghall-habta ta' 08.30 a.m waqt li kien gewwa Mater Dei mat-tifel taghhom, Yan Christiano, Justine baghtitlu permezz ta' *Messenger* fuq il-mobile taghha 99151108 (GO) ghal fuq in-numru tal-mowbajl tieghu 79626349 (GO) messaggi ta' theddid bhal '*Noqtlok*' u '*Foxx kemm ghandek*', '*Foxx id-demm hazin li ghandek jigri go fik*'. Iktar minn hekk meta t-tifel kellu disa' xhur ghall-habta tad-29 ta' Lulju 2020 quddiem ghajnejh ra lil Justine issabbat lit-tifel fuq il-bugee. Kif ukoll iktar ricenti ghandu recordings ta' Justine fil-presenza tat-tifel tkellem pesuna maskili jew femminili fejn tinstema tghid kliem oxxeni li kienet qed taghmel dak il-hin waqt video chat. Huwa mar jghamel dan ir-rapport ghax ta' kuljum Justine kienet qed tipprovokah u minhabba f'hekk qed tipprova li huwa jghamel xi haga lilha bil-konsegwenza li jitlef xoghlu.

**Justine Grixti** nhar l-1 ta' April 2021 ghall-habta tas-13.00 p.m marret gewwa id-depot tal-Furjana u wara li giet moghtija twissija tal-arrest u d-dritt tal-avukat stqarret is-segwenti. Dwar theddid li intqal minn l-akkuzat dak kien veru, u dan sar ghax kellha it-tifel ma jiflahx u hu hadu l-isptar, it-tabiba qaltlu li t-tifel ghandu xokk kbir fuqu minhabba dak li kien ghaddej bejniethom. Min-naha l-ohra ma kienx veru dak ghax fuq id-discharge letter ma kienx hemm miktub hekk. Hija cahdet li ghamlet affarijiet oxxeni quddiem it-tifel. Meta kienu flimkien dak beda jittanta wahda li toqghod tahthom fejn anke it-tifel kien mieghu u qal li dakinhar li baghtilha kien fis-sakra kif ukoll kien ittanta wahda tahdem ix-xoghol. Stqarret li dak li qal fuqha ma kienx

minnu. Tghid li darba minnhom nhar is-26 ta' Frar 2021 gewwa Hal Qormi sabiex tikkonfrontah li kien qed ikellem lil haddiehor meta marret tkelmu qabadha minn ghonqha. Tghid ukoll li ma kienx l-ewwel darba li refa idejh fuqha tant li darba kienet fil-gallerija u mar jerfa idejh fuqha. Dakinhar kienet qed titkellem ma mara ohra  u ghamlitha apposta ghax kienet taf li qed jirrekordjaha. Fil-fatt kienet sabitlu l-mowbajl li bih irrekordjaha u x'hin staqsietu l'ghala rrrekordjaha qallha biex tisimghu it-terapista.

Il-pulizija baghtet ghall-akkuzat fejn wara li gie moghti id-dritt tal-avukat u t-twissija tal-arrest dan stqarr li diga kellem avukat tal-ghazla tieghu Dr. Ruth Scott fejn min naha tieghu fuq il-verzjoni li halliet Justine, dan stqarr ' li mhux minnu li qabadha min ghonqha izda hija marret turih il-messsaggi ta' tahthom u tghatilu go wiccu. It-tifel hu ma riedux maghha. Fil-presenza tat-tifel huwa ma ried lil hadd u li dak li kien qed jaghmel kien ghal-gid tat-tifel.

Iz-zewg partijiet gew infurmati li kienu ser jinhargu charges fil-konfront tat-tnejn.

**Justine Grixti** xehdet nhar is-26 ta' Novembru, 2021 u spjegat li nhar is-26 ta' Frar 2021 ghall-habta tal-3.40 p.m irceviet messagg minghand ir-ragel fejn dan ir-ragel qallha biex twiegeb it-telefon u mhux biss biex tittanta n-nisa tuzah. Dan il-messagg dahal fuq is-sit *Messenger*. Spjegat waqt li qrat il-messagg li rceviet li fejn hemm l-isem Glenn Zammit kien hemm il-messagg li gja spjegat u cioe li hija tuza it-telefon biex tittanta in-nisa biss. Dan ir-ragel qallha '*Sean fejn jittanta n-nisa ghidlu, icemplilha fuq in-number tal-mowbajl tieghu u cemplilha dan ir-ragel u qallha li kien ghadu f'relazzjoni mieghu u qallu li kien qed jittantalu l-mara li toqghod tahthom*.

Din staqsietu ghal xi messaggi biex tkun tista temmen dak li qallha. Dan baghtilha ic-chat kollu li  kellha fuq whattsapp fejn kien hemm ir-ritratt ta' Sean, il-mowbajl number tieghu fejn vera kien qed jittanta l-mara tieghu. Meta marret id-dar ovvjament ma qaditx kwieta u marret tikkonfrontah.   Bdiet bil-messaggi u qallha li ma kienx

minnu u jghidilha li ma kienx hu li baghat dawk il-messaggi u kif baqghet tghidlu li ma setax ikun ghaliex fuq il-whattsapp hemm ir-ritratt tieghu qabadha minn ghonqha biex tieqaf u ma tkomplix tghidlu li ghandha l-messaggi bhala prova ta' x'kien qed jaghmel.

Spjegat li kien Sean Vassallo li qabadha minn ghonqha biex tieqaf u ma tkomplix tistaqsih ghaliex kien ghamel hekk. Tghid li ghandhom tifel u kienu waslu biex jizzewgu ma din li toqghod tahthom. Il-messaggi gew prezentati bhala dok JG1. Mistoqsija jekk tiftakarx in-numru cellulari ta' Sean tghid li huwa 79626349.

Spjegat li r-relazzjoni taghhom bdiet fis-sena 2017 u fis-sena 2018 kien refa idejh fuqha u kellha messaggi fejn kien hemm miktub li kien kattiv u jghidilha kattiv.Tghid li weggagha izda ma marritx tigri taghmel rapport u dan ghaliex ma kienitx taf li l-affarijiet kienu ser jaslu sa hemm. Izda minn l-1 ta 'April, 2021 wara li rat dak li ghamel Sean fil-konfront taghha iddecidiet li tirraporta kollox. Ma kienitx l-ewwwel darba li refa idejh fuqha. Ikkonfermat li dakinhar kien qabadha minn ghonqha meta iffaccjatu bil-messaggi. Ir-rapport m'ghamlitux dakinhar tal-incident stess izda wara li kien hemm rapporti ohra dwar Sean Vassallo. Ir-rapport ghamlitu fl-1 ta'April, 2021. Dakinhar kien rieqed id-dar fuq is-sufan u qajmitu u kkonfrontatu. Qaltlu biex iqum u qaltlu biex jispjegalha x'kienu dawk il-messaggi li kien qed jibghat. Beda jghidilha li ma kienx hu u hija twiegbu li ma setax kien il-kaz minkejja li kienet mahsuda u lanqas ma setghet titkellem.  Ikkonfermat li dakinhar bdiet tghajjat ukoll izda fl-ebda hin ma refghet idejha fuqu.

Nhar is-26 ta' Novembru, 2021 il-prosekuzzjoni pprezentat r-referral for domestic unit li giet markata bhala dok KPI fol. 25.

Rat ukoll ir-rapport datat l-1 ta' April 2021 markat bhala dok KP2 a fol. 32 mahrug mill Appogg u minn ezami ta' l-istess jirrizulta li hemm bzonn li l-akkuzat jigi segwit minn ufficcjal tal-probabtion u dan ghaliex waqt l-assessment gew notati is-segwenti riskji :

- Fear of injury/harm
- Credible threats to kill
- Escalation in nature and frequency of abuse
- Coercive control and jealousy
- Suicide threats from both sides
- Use of objects to harm

Rat l-okkorenza li saret minn PS 1500 Alfred Cutjar fejn irraporta dak kollu li huwa kkonferma fl-affidavit tieghu gja spjegat aktar 'l fuq.

L-akkuzat **Sean Vassallo** ghazel li jixhed minn jeddu u b'mod volontarju nhar is-26 ta' Novembru, 2021 . Dan spjega li nhar is-26 ta' Frar, 2021 Josephine Grixti dahlet id-dar tghajjat sewwa u tatu zewg daqqiet ta' ponn go wiccu. Qal li hu fl-ebda hin ma messha. Ma marx jghamel rapport ghaliex meta tkellem mal-Avukata li kellu dak iz-zmien kienet staqsietu jekk kienx ghamel rapport u kien qallha li ried itiha cans ghax ma riedx dan il-hassle kollu. L-istorja pero rrepetiet ruha ghaxart ijiem wara, rega mar ghat-tifel u regghet sawtitu u ghandu l-provi izda ma tellaghhomx mieghu ghax ma kienx preparat fuqhom.

Qal li l-argument kien ghaliex huwa kien baghat messagg lil wahda. Din dahlet id-dar qabdet tghajjat u tiggieled mieghu quddiem it-tfal u qabdet issawtu u qallha  tghatix u tikkumidjax quddiem it-tfal. Fl-ebda hin ma  imbuttaha u lanqas ma qabadha minn ghonqha. Jghid li qabel ma telqet mid-dar qatlu li kienet ser tirraportah u li ser issalbu biex ittelfu l-uniformi tal-habs.  Qal li hija marret taghmel ir-rapport fl-1 ta' April id-Depot, bhala tpattija u huwa pprezenta l-provi tieghu.

Illi minn ezami tas-sentenza moghtija nhar is-26 ta' Novembru 2021 ma jirrizultax li l-ewwel Qorti  b'xi mod immotivat is-sentenza taghha u stqarret ghaliex hija kienet tal-fehma li l-*parte civile* kienet aktar kredibbli mill-appellant.

Fil-kaz odjern si tratta ta' kunflitt ta' provi konfliggenti fejn il-gudikant jista' jaghzel verzjoni mill-wahda opposta kif kien premess fil-kaz fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker**[12]**:**

> *"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one"*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef**[13] gie ritenut li:

> *"Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qeghdin jaghtu verzjoni differenti minn ohrajn illi xehdu qabel. B'daqshekk ma jfissirx illi ghax hemm xhieda differenti bil-fors hemm konflitt li ghandha twassal ghal liberatorja. Fil-kawza Pulizija vs. Joseph Thorn deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-9 ta' Lulju 2003, il-Qorti qalet '... mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal liberazzjoni tal-persuna akkuzata. (ara wkoll **Repubblika ta' Malta vs. Dennis Pandolfino** 19 t' Ottubru 2006)."*

Huwa minnu wkoll kif hemm imnizzel fl-**artikolu 638(2) tal-Kap 9** li x-xhieda ta' xhud wiehed biss, jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt, hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Ghalhekk jispetta lil Qorti tara liema hija l-aktar xhieda kredibbli u vero simili fic-cirkostanzi u dan a bazi ta' possibilita.

[12] Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax (19) ta' Mejju, 1997
[13] Qorti tal-Appell Kriminali fit-2 ta' Frar 2012

Din il-Qorti pero analizzat fid-dettal ix-xhieda moghtija kemm mill-*parte civile* kif ukoll mill-appellant u jidrilha li l-*parte civile* li kienet f'relazzjoni mal-akkuzat ghal certu zmien tant li kellhom tarbija ukoll flimkien kienet iktar veritiera f'dak li qalet kemm viva voce il-Qorti kif ukoll lill-pulizija meta kien qed jinvestiga ir-rapport. Hija ammettiet li vera baghtet messaggi oxxeni lill-akkuzat u spjegat ir-raguni ghaliex ghamlet hekk. Huwa minnu li l-kwerelanti ma marritx tirraporta mill-ewwel l-ghassa minn dak li ghaddiet minnu pero kellha kull interess li ma tmurx tirraporta kull incident li isehh fid-dar fejn kienu jghixu u dan fl-interess li ssalva familja. Pero min naha l-ohra l-appellant li kien qed jagixxi mhux b'mod lejali u fidili lejn il-partner tieghu ghazel li  imur jittanta il-mara tal-gar tieghu u meta gie konfrontat mill-*parte civile* ikun gifa u  jichad l-allegazzjoni  u kien biss meta gie muri l-messaggi bil-miktub esebiti fl-atti ghamel minn kollox biex jipprova jghid li ma kienx hu minkejja li l-*Messenger* kien jghajjat lilu.

Illi r-reazzjoni tal-*parte civile* li bdiet tghajjat bi dispjacir kien wiehed pjuttost naturali f'cirkostanzi bhal dawn pero zgur li ma hux naturali li l-appellant li f'dan il-kaz kellu tort jaqbad ghonq il-*parte civile* u li  jkellimha bil-mod li indirizzha. Il-Qorti mhiex konvinta li fil-fatt verament qabad ghonq il-partner tieghu  pero daqstant ma  hux accettabli li ikellimha hazin u jdejjaqha bl-agir tieghu. Dan it-tip ta' agir  jammonta ghal vjolenza domestika.  Dawn it-tipi ta' kazijiet qed jigu wisq rapportati u wasal iz-zmien li l-Qorti tibda turi l-id kiefra ma min jabbuza mil-familajrita tal-persuna billi jingurjaha daqs li kieku kienet persuna barranija.

Dan ma hux accettabli u irid jieqaf. Wasal iz-zmien li l-Qrati jibghatu messagg lis-socjeta' li hemm zero tolleranza ghal vjolenza domestika u min jinsab hati ta' tali vjolenza ghandu jiffaccja perijodu ta' prigunerija jew detenzjoni skond il-kaz. Minkejja dan din il-Qorti fil-vesti taghha ta' appell minn rikors tal-appell tal-appellant hija priva li tbiddel il-piena inflitta ghal piena aktar harxa.

F'dan il-kaz l-ewwel Qorti minkejja li sabet lill-appellant hati tal-kontravenzjoni kif disposta fl-artikoli 339 (1) (d) ghogbitha timponi garanzija ai termini tal-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta fuq l-appellant ghall-perjodu ta' sena li ma jimmolestax u ma jingurjax lil Justine Grech taht penali ta' elf euro fin-nuqqas.

Din il-Qorti ghalhekk qeghda tikkonferma l-mertu tas-sentenza appellata kif ukoll il-piena imposta u tordna li l-perijodu ta' sena tal-garanzija tibda tiddekorri mil-lum stess.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera
Imhallef

Vera kopja

Nadia Ciappara
Deputat Registratur